MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 282/2012

**A B**
**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat kongunt;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Mejju, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Settembru 2000;

Rat l-affidavits bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi huma ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-26 ta' Settembru 2007

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi l-partijiet iddekadew ghal kull dritt ta' manteniment li setgha kellhom fil-konfront ta' xulxin fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom u illi ir-rikorrenti A B qieghed ihallas regolarment il-manteniment dovut ghall-minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------